BIRGU
Città Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

---

1 ta' Novembru, 2012

# Minuti tal-laqgha 11(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha numru 11(06) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar l-Erbgha 14 ta' Novembru, 2012, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija (5:30pm)

## Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, l-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi, il-Kunsillier Anton Gellel, l-Kunsillier Alan Cassar u l-Kunsillier Lawrence Attard

## Talba.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u tah bidu ghal laqgha.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Item 2.11(08/06) Studju ambjenatli dwar il-Palumbo Shipyards Ltd. mahrug mil-MEPA

Is-Sur Lawrence Attard, Kunsillier tah rendikon tal-laqgha li hu ghan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu kien attenda gewwa l-Kunsill Lokali ta' Bormla, dwar l-istudju ambjentali dwar l-Palumbo Shipyards Ltd. mahrug mil-MEPA. Wara diskussjoni, s-Sindku talab sabiex il-Kunsill jitlob kopja tal-minuti ta' din l-imsemmija laqgha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.2 Item 6 (08/06) L-attivita tal-BirguFest 2012

Is-Sindku tah rendikont ta' l-attivita tal-BirguFest 2012, li l-Kunsill Lokali tal-Birgu organizza bejn id-19 u l-20 t'Ottubru, 2012. Hawnhekk, is-Sindku rringrazzja lil Kunsilliera tas-sehem taghhom f'din l-attivita u stqar li din kienet zgur attivita ta' success, li attendew numru kbir ta' nies, fosthom ikunu turisti li gew Malta apposta ghal din l-attivita unika li ssir fil-Gzejjer Maltin

1.3 Item 1 (09/06) Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal li l-Kunsill qieghed jahdem bil-ghaqal u qed jaghmel dak kollhu possibli biex bl-ahjar mod inaqqas l-ispejjez u qed isiru x-xogholijiet urgent biss, fejn qed jigu onorati biss l-kuntratti. Is-Sindku zied jghid li jibqa' l-fatt li l-allokazzjoni mghoddija lil Kunsill mil-Gvern Centrali, mhux ikallkulata tajba. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ilhu ghal bosta snin, iqajjem dan il-punt ma' l-Awtoritajiet koncernati izda l-Kunsill sal-llum ghadu mhux mghejun.

## 2. Korrispondenza

2.1 Korrispondenza mibghuta mis-Sindku ta' St. Tropez

Ittra minghand is-Sindku ta' St. Tropez, is-Sur Jean Pierre Tuveri, fejn ghan-nom tad-delegazzjoni ta' din il-Belt li zaret il-Belt tal-Birgu bejn id-19 u l-21 t'Ottubru, 2012, rringrazzja lil Kunsill ghall-ospitalita tieghu li offra lil din id-delegazzjoni

Hawnhekk, is-Sindku pprezenta ittra mibghuta mis-Sur Jean Francois Tourret, Direttur tal-port ta' St. Tropez, fejn nforma lil Kunsill Lokali tal-Birgu, li l-Belt ta' St. Tropez, fis-sena 2013, ser torganizza bosta attivitajiet inkonessjoni ma' "L'Annee de Malte" – "Is-Sena Maltija" Fl-okkazzjoni ta' din is-sena, l-port ta' St. Tropez, jixtieq li fix-xahar ta' Mejju, tigi organizzata l-attivita "Voiles Latines in St. Tropez", "Dghajjes tal-Latini" f'St. Tropez. Is-Sindku s-Sur John Boxall, ssugerixxa li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jaqbel ma' din il-proposta u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Memo 40/2012 Skema ghal Kunsilli Lokali li ghandhom ir-responsabilita tal-librerija regjonali jew lokali

Is-Sindku pprezenta kopja tal-Memo 40/2012 ghal ghajnuna lil Kunsilli Lokali li ghandhom ir-responsabilta ta' librerija lokali jew regjonali, fejn ghal hames sena konsekuttiva ser tinghata ghajnuna finanzjarja lil dawk il-Kunsilli Lokali li ghandhom devoluta lilhom il-librerija regjonali jew lokali. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jinghata sa massimu ta' € 500, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu irid johrog is-somma ekwivalenti ghall-amministrazzjoni tal-librerija. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jippartecipa f'din l-iskema u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 L-Assocjazzjoni RETE

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li wara li l-*lead partner* tal-progett "Seatoland" issugerixxa sabiex il-membri ta' dan il-progett jissiehbu fl-Assocjazzjoni RETE, l-Kunsill Lokali tal-Birgu issieheb f'din l-assocjazzjoni fejn qed ihallas mizata ta' € 200 fis-sena. Is-Sindku zied jghid li din l-assocjazzjoni stiednet lil Kunsill Lokali tal-Birgu, sabiex jattendi ghal konferenza li ser issir gewwa Genova bejn id-29 ta' Novembru u l-1 ta' Dicembru, 2012. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja, jkun ahjar jekk il-Kunsill ma jattendix ghal din il-laqgha, izda jaghmel mezz li jattendi ghal laqgha li jmis. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Il-progett "RECREATURA"

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill Lokali tal-Birgu wera x-xewqa li jippartecipa fi progett ipprezentat mil-Assocjazzjoni "ALDA" l-progett "RECREATURA" taht is-sejha tal-programmi kulturali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Walled Towns Friendship Circle

Is-Sindku s-Sur John Boxall, ipprezenta kopja ta' l-ittra mibghuta mil-Vici Sindku tal-Belt Valletta s-Sur Joe Spiteri fejn rringrazzja lil Kunsill Lokali tal-Birgu u lil Kunsillier Lawrence Attard, ghall-appogg li nghata fl-elezzjoni tal-President ta' l-Assocjazzjoni tal-WTFC.

2.6 Stedina mil-Belt ta' Birgi fit-Turkija

Is-Sindku s-Sur John Boxall nofrma lil Kunsilliera li fil-konferenza internazzjonali ta' l-ibliet storici li saret fil-Belt ta' Dubrovnik fil-Kroazja, fejn hu flimkien mal-Kunsillier Anton Gellel, irraprezentaw lil Kunsill Lokali tal-Birgu, is-Sindku gie avvicinat mis-Sindku tal-belt ta' Birgi fit-Turkija, sabiex bejn is-16 u l-20 ta' Jannar, 2013, delegazzjoni mil-Kunsill Lokali tal-Birgu, izzur din il-Belt fit-Turkija. Is-Sindku s-Sur John Boxxall, issugerixxa li l-Kunsill ghandu jilqa' din l-istedina u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Il-progett "SECRET"

Is-Sindku s-sur John Boxall, ipprezenta kopja ta' l-ittra mibghuta mil-Vici Sindku tal-Belt ta' Volos Ms. Natassa Oikonomou, fejn nfurmat lil Kunsill li l-ammont ta' € 8297.75, dovut lil Kunsill Lokali tal-Birgu ser jintbaghat fil-bidu ta' Dicembru, 2012.

2.8 Decizjoni dwar is-sejha AS 07/12 – Provista, installazjoni, ittestjar u Kummisjoni ta' sistema ta' airconditioning fil-Berga ta' Franza

Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill, r-rapport ta' l-evalwazzjoni ghas-sejha AS 07/12, ppreparat mil-Kumpanija Galea Curmi Engineering Consultants Ltd, fejn rrakomandaw li l-Kunsill lokali tal-Birgu jaghzlu l-offerta ta' Panta Marketing & Services Ltd. ghal prezz totali ta' € 14,640. Wara diskussjoni, s-Sindku s-Sur John Boxal, ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jilqa' u jaghzel din l-offerta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu

2.9 Korrispondenza mibghuta lil Remco Slik

Is-Sindku pprezenta kopja tal-korrispondenza mibghuta lis-Sur Remco Slik, kif ukoll ir-risposta tieghu. Is-Sindku qal li s-Sur Remco Slik stieden lil Kunsill sabiex izur il-binja tal-*boutique hotel* u ghaldaqstant is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jonora dan l-invit. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Inkonvenjent lir-residenti min bosta hwienet

Is-Sindku pprezenta ghall-attenzjoni tal-kunsilliera, kopja ta' l-ittra mibghuta lis-Supretendent s-Sur Carmel Bartolo, dwar l-inkonvenjent kbir li qed jigi mahluq lir-residenti min bosta hwienet , *wine bars* u *bars* li qed idumu miftuhin sa tard bil-lejl ghall-ammont ta' storbju, daqq ta' muzika gholja hafna u esaggerata.

2.11 Ghajnuna lis-Settur Kummercjali fil-Birgu

Is-Sindku pprezenta kopja ta' l-ittra mibghtua lil Ministru ghat-Turizmu, Kultura u l-Ambjent l-Onorevoli Dr. Mario De Marco, dwar il-htiega li ssir laqgha mieghu biex jigi diskuss f'aktar dettal, dak kollhu li jolqot direttament is-settur kummercjali specjalment dak li jinsab fil-Belt tal-Birgu, fejn il-Kunsill qieghed jaghmel l-almu tieghu biex dan is-settur jissahhah u jkun ta' benefficju ghas-settur tat-Turizmu.

Barra min hekk, is-Sindku pprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kopja ta' *email* mibghuta mis-Supretendent is-Sur Carmel Bartolo wara l-laqgha li saret ma' l-istess Supretendent fejn giet diskussa l-ghajnuna biex jigi agjevolat s-settur kummercjali fil-Birgu, fejn nforma lil Kunsill li l-permessi ghal mwejjed u siggijiet fuq in-naha ta' barra ta' l-istabbiliment fuq bazi regolari jinkisbu biss mil-Awtorita tat-Turizmu wara li jinkisbu l-permessi necessarji mil-entitajiet kollha koncernati.

2.11 Talba ghal ghajnuna lil Awtorita Maltija ghat-Turizmu

Is-Sindku s-Sur John Boxall, ipprezenta kopja ta' ittra mibghuta lis-Sur Anthony Cardona fi hdan l-Awtorita Maltija ghat-Turizmu, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu talab l-ghajnuna ta' din l-Awtorita biex wahda mil-kmamar li hawn fil-Berga ta' Franza, tigi renovata f'*Public Convenience.* Barra min hekk, l-istess Kunsill issugerixxa sabiex min-naha l-ohra l-Ministeru jaghti lill-istess Kunsill *stands* tal-perspex sabiex fihom jitpoggew *flyers* u *brochures* kemm fuq il-Belt tal-Birgu u anke fuq il-Gzejjer Maltin ingenerali

2.12 Taxi stand fi Triq San Lawrenz mal-genb tal-Monument tal-Helsien

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezneeti li l-Awtorita tat-Trasport talbet lil Kunsill Lokali tal-Birgu biex jaghti l-opinjoni tieghu ghal talba minghand l-WTLA – White Taxi Licensed Amalgamated sabiex issir taxi stand fi Triq San Lawrenz mal-genb tal-Monument tal-Helsien. Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien oggezjona ghal din it-talba minhabba diversi ragunijiet fosthom l-problema tal-parkegg fil-Birgu, li din l-*istand* ser tkun flok d-*disabled parking*, li dan il-post riservat ser ikun qrib wisq ghal Monument tal-Helsein, kif ukoll li l-Kunsill jemmen li din it-talba ser tkun ta' detriment ghad-dghajsa Maltija, liema *stand,* kienet ser tkun ftit metri biss l'boghod min fejn ikunu sorguti l-barklora bid-dghajjes taghhom. Is-Sur Boxall, qal li l-oggezzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu giet milqugha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.13 Tibdil fir-rotta 213 – Servizz ta' l-Arriva

Is-Sindku s-Sur John Boxall nforma lil Kunsilliera li Transport Malta nfurmat lil Kunsill li min-nhar il-Hadd 11 ta' Novembru, 2012, ir-rotta 213 ser tigi modifikata b'tali mod illi sejra tkun qeghda tinkludi fiha l-inhawi tal-Hawli.

2.14 Servizz ta' Transport bil-bahar bejn il-Port il-Kbir u l-Port ta' Masamxett

Ittra minghand Transport Malta, fejn infurmat lil Kunsill li l-istess Awtorita, ghada kemm iffinalizat kuntratt mal-kumpanija "Marsamxetto Steamferry Services Limited" liema kumpanija ser toffri servizz tat' transport bil-bahar bejn il-Belt Valletta u l-Birgu. Dan is-servizz ser ikun inkonessjoni mal-ftuh mil-gdid tal-*lift* li joppera mil-Barraka ta' fuq ghal Port il-Kbir.

2.15 Premju Zghazugh tas-Sena 2012

Ittra mil-Moviment Kerygma sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jinnomina zghazugh ghal "Premju Zghazugh tas-Sena 2012". Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jinnomina liz-zghazugh Christian Raggio. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.16 L-10 Anniversarju ta' kemm ilu jaghti servizz ic-centru Access fil-Kottonera

Is-Sindku pprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera, kopja tal-programm ta' attivitajiet li ser jigu organizzati nkonessjoni ma' l-10 anniversarju ta' kemm ilu jaghti servizz ic-centru Access fil-Kottonera. Is-Sindku s-Sur John Boxall, heggeg lil Kunsilliera sabiex jattendu ghal dawn l-attivitajiet li ser ikunu organizzati bejn id-19 u l-25 ta' Novembru, 2012.

2.17 Ittra lid-Direttur tad-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-ispejjez inkonessjoni max-xogholijiet fil-Berga ta' Franza

Is-Sindku s-sur John Boxall, ipprezenta kopja ta' l-ittra mibghuta lis-Sur Carmel Abela, Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn filwaqt li l-Kunsill irringrazzja u wera l-apprezament tieghu ghal-ghajnuna li nghata mid-dipartiment biex jghaddu l-pagamenti relatati ma' l-ispejjez tax-xogholijiet li saru fil-Berga ta' Franza, l-kunsill ma jaqbilx mad-decizjoni li ttiehdet mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali li dan kien ser ikun l-ahhar pagament li sar relatat ma' dan il-progett hekk kif dan immur kontra dak mwieghed mil-Onorevoli Ministru Dr. Chris Said fejn kien wieghed li l-ispejjez kollha relatati max-xoghol ta' restawr tal-Berga ta' Franza ser jigu mhallsa mil-Gvern Centrali.

2.18 Kwotazzjoni ghal Vacuum Cleaner

Is-Sindku s-Sur John Boxall, pprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsill tlett kwotazzjonijiet ghal *vacuum cleaner* ghall-istess Kunsill. Is-Sindku pprezenta l-kwotazzjoni minghand il-kumpanija Zahra Enterprises Ltd. ghal prezz ta'€ 300.90, minghand il-kumpanija "The Cleaning Company" ghal prezz ta' € 290 kif ukoll minghand il-kumpanija "CrossCraft" ghal prezz ta' € 260. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jiehu parir ulterjuri u jmur ghall-irhas offerta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.19 Kwotazzjoni ghal Fridge Freezer

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill qieghed jigbor kwotazzjonijiet ghal Fridge Freezer ghal uzu tal-Kunsill. Bi qbil unanimu l-Kunsilliera prezenti qablu li l-Kunsill ghandu jaghzel l-irhas offerta.

2.20 L-attivita ta' l-Orkestra Nazzjonali fi 6 ta' Frar, 2013, fil-Knisja tal-Lunzjata fil-Birgu

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex fil-Belt tal-Birgu jittela' kuncert mil-Orkestra Nazzjonali taht l-iskema "Kuncerti fil-Lomunita" giet milqugha, u din l-attivita ser titella' fis-6 ta' Frar, 2013, fil-Knisja tal-Lunzjata. Is-Sindku zied jghid li ghal din l-attivita l-Kunsill Lokali tal-Birgu, irid ihallas it-transport relatat ma' din l-Orkestra liema transport ser iqum € 450. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jikkonferma l-interess tieghu sabiex jittella' dan il-Kuncert fil-Birgu u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.21 Memo 38/2012 – Skema dwar inizjattivi ta' Attivitajiet ghas-sena 2012 u 2013

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, pprezenta kopja tal-Memo 38/2012, mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-iskema ta' inizjattivi ta' attivitajiet ghas-sena 2012 u 2013, u nforma lil Kunsilliera present li l-Kunzill kien applika ghall-attivita tal-BirguFest 2013. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.22 Konferenza tal-progett Seatoland

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li bejn il-21 u t-22 ta' Novembru, 2012, ser issir l-konferenza tal-progett "Seatoland", gewwa l-Belt ta' Valencia fi Spanja. Is-Sindku zied jghid li ghal din il-konferenza ser jattendu s-Segretarja Ezekuttiva, s-Sinjorina Christine Bonello, kif ukoll hu flimkien mas-Sinjura Moira Azzopardi li ser jattendu biss ghall-ewwel gurnata ta' din il-konferenza peress li fi 22 ta' Novembru, huma ser jattendu l-konferenza tal-Fondazzjoni TYR, gewwa Cadiz fi Spanja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.23 Il-progett "Days of Twinning Cities 2012 – Active Seniors in Europe"

Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali ta' Brezno fi Slovakja, nforma lil Kunsill Lokali tal-Birgu, li l-progett "Days of Twinning Cities 2012 – Active Seniors in Europe", taht il-programm "Europe For Citizens" gie approvat u ser jigi mplimentat bejn id-29 ta' Mejju u t-2 ta' Gunju, 2013.

2.24 Ittra minghand l-iskrivana Moira Azzopardi

Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta ittra mibghuta mis-Sinjura Moira Azzopardi skrivana part-time mal-Kunsill Lokali tal-Birgu, fejn iddikjarat li min jeddha ddecidiet li tirrifjuta s-*subsistance allowance* ghal kull darba li l-Kunsill jibghata barra min Malta fuq xoghol relatat ma' l-istess Kunsill. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu li l-Kunsill m'ghandux jaccetta din l-ittra.

2.25 Arretrati dovuti lill-istaff klerikali ghas-zieda offrut mil-Gvern Centrali bejn l-1 ta' Jannar 2012 u Ottubru 2012

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali nforma lis-Segretarji Ezekuttivi li ghandhom ihallsu l-arretrati dovuti fuq l-onororja tas-Sindku u lill-istaff klerikali offrut mil-Gvern Centrali skond il-ftehim kollettiv l-gdid ghas-servizz pubbliku,

ghax-xhur ta' bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 t'Ottubru, 2012. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill johrog l-pagamenti dovuti. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.26 Riceviment ghall-anzjani tal-Birgu residenti gewwa r-Residenza San Vincenz de Paule

Is-Sur John Boxall, Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill bhas-snin precidenti jorganizza riceviment zghir u jinghata rigal lill-anzjani tal-Birgu residenti gewwa r-Residenza San Vincenz de Paule. Is-Sindku ssugerixxa sabiex din l-attivita ssir fl-20 ta' Dicembru, 2012. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. Iz-zghazagh fil-lokalita tal-Birgu

Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi, wara d-diskussjoni li saret fl-okkazjoni ta' l-attivita "Skopri l-Universita fi Tlett Ibliet", l-Vici Sindku sostna li iz-zghazagh tal-Birgu qalu li sfortunatament fil-Birgu m'hawnx post ta' rikreazjoni ghaz-zghazagh u sfortunatament m'hawnx centru taz-zghazagh. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill ghandu johrog invit lir-residenti kollha tal-Birgu ghal Laqgha Pubblika, fejn fiha jkunu jistghu jaghtu s-suggerimenti relatat maz-zghazagh fil-lokalita tal-Brigu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 4. Decizjoni dwar Triq San Lawrenz

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, tah rendikont dwar is-sitwazzjoni ta' Triq San Lawrenz, fejn sfortunatament l-Awtorita tat-Trasport nfurmat lil Kunsill Lokali tal-Birgu li hekk kif ix-xogholijiet f'din it-triq inbidlu min xogholijiet ta' asphalt ghal xogholijiet ta' konkret, l-Perita Charlene Bonnici, l-perita responsabli mix-xogholijiet nfurmat lil Kunsill li l-kuntratt prezenti mal-kuntrattur mqabbad mil-Awtorita, gie nkancellat.

## 5. Il-progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli

Is-Sindku tah rendikont tax-xogholijiet inkonessjoni mal-progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli. Is-Sindku nforma lil Kunislliera li l-gimgha d-diehla l-kumpanija Hydrorocks hekk kif stipulate fit-tender ser tibda x-xogholijiet tat-trinka permezz ta' *directional drilling*. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk, is-Sindku pprezenta kopja tar-rapport tekniku ippreparat mil-Perit responsabli mil-progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli, l-Perit Marvin Ellul. Is-Sindku qal li ghal dan it-tender AWH 06/12 gew sottomessi zewg offerti, dik tal-Kumpanija Asfaltar Construction Ltd, kif ukoll dik mil-kumpanija Polidano Brothers Ltd. Is-Sindku qal li l-Perit Marvin Ellul, fir-rapport tieghu, rrakomanda li l-Kunsill ghandu jaghzel l-offerta tal-Kumpanija Polidano Brothers Ltd. peress li din kienet l-iktar wahda vantagguza. Is-Sindku, s-Sur John Boxall, ssugerixxa li l-Kunsill ghandu japprova dan ir-rapport u jimxi fuq is-suggeriment tal-perit u jaghzel l-offerta tal-kumpanija Polidano Brothers Ltd. Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi, ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 6. Rendikont ta' l-attivita tal-BirguFest 2012

Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta kopja tar-rendikont ta' l-attivita tal-BirguFest 2012, fejn l-ispiza totali ghal din l-attivita kienet ta' € 27,113.55. Il-Kunsill dahhal l-ammont ta' € 24, 002.44, f'donazzjonijiet min bosta entitajiet. Is-Sindku qal li fit-totalita taghha, din l-attivita swiet lil Kunsill Lokali tal-Birgu € 3,111.11. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk is-Sindku pprezenta kopja ta' ittra mibghuta lis-Sur Nick Maris, d-Direttur tal-kumpanija Camper & Nicholsons fejn il-Kunsill talab lil din l-kumpanija, hekk kif l-arrangament prezenti li din il-kumpanija ghal dawn l-ahhar tlett snin offriet donazzjoni ta' € 5000, ghall-organizazzjoni tal-attivita tal-Birgufest,wasal fi tmiem tieghu, l-Kunsill ikollhu l-opportunita li jiddiskuti mas-Sur Maris, l-ghajnuna ta' din il-kumpanija ghall-BirguFest ghas-snin li gejjien. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

7. **<u>Zvillupi dwar it-Tender SSMW 08/12 – Sejha ghal offerti ghal Knis ta' toroq u gbir ta' skart domestiku</u>**

B'referenza ghal Item 1(10(06), wara d-decizjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex it-tender SSMW 08/12, ghas-sejha ghal offerti ghal knis ta' toroq u gbir ta' skart domestiku, jinghata lis-Sur Saviour Mifsud, l-kuntrattur Alexander Fenech, ghan-nom tal-Kumpanija EuroClean Ltd. appella kontra d-decizjoni tal-Kunsill. Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal li l-istess Kunsill informa immedjatament lid-Dipartiment tal-kuntratti u nbeda l-process ta' l-appell biex jinstema' quddiem il-bord ta' dan id-dipartiment.

Rigward il-kuntratti prezenti ghal Knis ta' Toroq u l-kuntratt ghal gbir ta' skart domestiku s-Sindku qal li l-Kunsill kien talab parir mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali permezz tat-telefon, kif ukoll mis-Sur John Farrugia, ex Segretarju tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi u membru fil-bord tal-governanza. Hawnhekk, il-Kunsill kien nghata parir li jew jitlob ghall-estenzjoni tal-kuntratti prezenti jew inkella jintalbu tlett kwotazzjonijiet. Il-Kunsill kien talab tlett kwotazzjonijiet ghal kull servizz. Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Kunsill irid jiddeciedi jekk il-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandux jimxi fuq il-kwotazzjonijiet jew inkella l-Kunsill ghandu jitlob l-estenzjoni tal-kuntratti prezenti. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa l-Kunsill iwaqqa' l-kwotazzjonijiet u nitolbu l-estenzjoni ghal kuntratti prezenti sakemm tinghata d-decizjoni mil-bord ta' l-appelli fi hdan id-Dipartiment tal-kuntratti. Is-Sur Trevor Mizzi, l-Vici Sindku ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

8. **<u>Informazzjoni dwar il-konferenza "7th Silk Mayors' Forum" gewwa Gaziantep fit-Turkija.</u>**

Il-Kunsillier Lawrence Attard, tah rendikont tal-konferenza "7th Silk Mayors' Forum" li saret fil-Belt ta' Gaziantep fit-Turkija, bejn id-9 u l-11 ta' Novembru, 2012 fejn hu flimkien ma' Dr. Paul Bezzina, attendew ghaliha.

Hawnhekk, is-Sindku pprezenta ukoll ittra ta' ringrazzjament mibghuta min Dr. Paul Bezzina, talli l-Kunsill ghazlu sabiex jirraprezentah f'din il-konferenza.

9. **<u>Informazzjoni dwar il-konferenza generali ta' l-Assocjazzjoni AVEC</u>**

Is-Sindku s-Sur John Boxall flimkien mas-Segrtarja Eżekuttiva, s-Sinjorina Christine Bonello, bejn is-7 u l-10 ta' Novembru, 2012, attendew għal laqgħa tal-Kunsill Amministrattiv ta' l-Assoċjazzjoni AVEC, ġewwa l-Belt ta' Tours fi Franża. Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa tal-Kunsill Amministrattiv, il-membri elettivi, ddiskutew, kif l-Assoċjazzjoni AVEC, għandha timxi l'quddiem, u kif il-membri taghha jistgħu jibbenifikaw min fruntieri ġodda u proġetti ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea. Il-membri tal-Kunsill amministrattiv iddiskukttew l-baġit ta' din l-Assoċjazzjoni għas-sena 2013, kif ukoll il-programm tax-xogħolijiet għas-sena 2013.

10. **Affarijiet Ohra**

Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sur Trevor Mizzi, Vici Sindku, issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-Laqgha ntemmet fi 8:30 ta' filghaxija

| | |
|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |